# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis sitta (6) ta' April 2017**

**Rikors Numru 371/15 FDP**

**Joe Mizzi**
**(ID 211552M)**

**vs**

**Lawrence Grech**
**(ID 744358M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat mir-rikorrenti fil 11 ta' Dicembru 2015 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghall "post" fuq il-pagna pubblika tal-Facebook ta' l-intimat illi tella l-istess intimat fid 9 ta' Dicembru 2015, talab lill-Qorti sabiex tiddikjara l-kliem u l-allegazzjonijiet maghmulha mill-intimat fil konfront tar-rikorrenti bhala foloz, libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk talab lill-Qorti tikkundanna lill-istess intimat ihallsu danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentat fit-18 ta' Frar 2016 fejn l-intimat eccepixxa s-segwenti:

> 1- llli preliminarjament, il-Facebook page tal-intimat ma' taqax taht id-definizzjoni ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 248 tal-ligijiet ta' Malta, cjoe ma kienx hemm forma ta' pubblikazzjoni jew tqassim f Malta u l-informazzjoni huwa disponibbli biss ghal dawk in-nies illi huma shab tal-intimat;
>
> 2. llli inoltre it-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma kien hemm xejn ingurjuz u malafamanti f'dak illi inkiteb stante li jammonta ghal fair comment, li principlament huwa pjenament fil-parametri tad-dritt tal-espressjoni hielsa, u li sekondarjament qatt u fl-ebda mod ma' kien intiz sabiex joffendi u/jew jaghmel xi hsara lill-esponenti;

3. llli finalment, dak li ghamel l-intimat huwa biss irripeta kummenti li jintqalu b'mod ripetut, li ghalkemm huma kkontestati mill-esponenti bhala inveritjeri mill-esponenti, ma' jfissirx illi dana huwa libelluz u wisq anqas bhala malafamanti;

Semghet ix-xhieda in subizzjoni ta' l-intimat, **Lawrence Grech**, moghtija fil 25 ta' April 2016 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' l-**Onorevoli Ministru Joe Mizzi** moghtija fl-10 ta' Ottubru 2016.

Rat illi fl-10 ta' Ottubru 2016 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fit-2 ta' Frar 2017 l-intimat iddikjara illi huwa ma kellux aktar provi x'jippresenta u illi ghalhekk il-kawza setghet tithalla ghas-sentenza.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis-27 ta' Marzu 2017, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimat Lawrence Grech joqghod gewwa Triq il-Kardinal Fabrizio Sciberras, Birgu, gewwa liema triq kienu qed isiru diversi xogholijiet infrastrutturali bir-rizultat illi ghal periodu konsiderevoli ta' zmien, fuq medda ta' tmintax-il xahar, it-triq kienet maqlugha u kienet ta' inkonvenjent ghal kull min joqghod hemm, inkluz l-intimat.

Jirrizulta illi, darba minnhom, hekk kif kienet gejja ir-Regina ta' l-Ingilterra sabiex taghmel zjara ufficjali gewwa Malta, l-awtoritajiet hadu hsieb illi t-triq biswit it-triq tieghu, li minnha kienet ser tghaddi r-Regina ghal xi attivita' ufficjali, giet ri-asfaltata u irrangata sabiex tkun accettabbli ghaz-zjara tar-Regina.

Jidher illi dana il-fatt, abbinat mas-sitwazzjoni tat-triq tieghu, wasslet lill-intimat sabiex jivventila l-frustrazzjoni tieghu fuq il-pagna personali tieghu tal-Facebook, illi hija accessibbli ghall-hbieb tieghu, fejn huwa ghamel is-segwenti kumment (sic):

> *XMISTHIJA TA KUNSILLIERA LABURISTI TAL-BIRGU. IMISKOM TITHU TRIQ KARDINAL ILA 10 XUR U 3 MIN NIES BISS JAHDMU HALLI KUNTRATTUR IKOLLU IKTAR XI JDAHAL U NIES SKOMDI U INTOM TIBZAW IVA BEZZIEJA* ***<u>MI MIZZI DAK IL KURNUT IL MINISTRU</u>*** *MIL AHJAR KUNSILL TA MALTA GEJTU L GHAR KEMM ILOM LEJBER JA BEZZIJA BLA BAJD KOLLA TRIQ KOLLA LABURISTI HADD MA JIFTAH HALQU. XI DWEJJAQ TA NIES AW BIRGU JAQQQQQQQQ... MORRU AQBZU AN NIES TA BIRGU MAL MINISTRU A PAXIJIET. ARA TAR REGINA 20 RUH GABU BIX ILESTU LAQA SAME OLD LABOUR .. KUNSILL MIGGIELDA BEJNITOM,.., JAQQQQQQQQ*

Sussegwentement, taht l-istess post, l-intimat ikompli jghid (sic):

> ***<u>MINISTRU KORROT MIZZI. IVA KORROTT</u>*** *AX GET REGINA GIBT KUNTRATTUR TA 12 RUH JAHDMU 24 HOURS BIX ILESTU HABBA REGINA U AHNA ALLA JBIREK 3 NIES.* ***<u>DA MA JAHMILX IL BIRGU DA KURNUT MIL KALKARA GHAGEB TA MALTA SUR MIZZI INT... DISINUR AL LEJBOR U MUR HUDU</u>***

F’kumment iehor illi ghamel l-istess intimat izid jghid is-segwenti (sic):

> *KUNSILL BAHHNHNHHHHHHHHHHHH DWAR TRIQ KARDINAL **MINISTRU VENDIKATTIV BINTERN LI JOBOD BIRGU** U MA JIKKALKULAX LIL KUNSILL LOKALI .... NAFU XGARA !!!*

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi wara li l-intimat tella dana il-post, meritu tal-kawza odjerna, huwa intebah bl-izball illi kien ghamel u sussegwentement, wara illi tnediet il-kawza odjerna, huwa nehha dana il-post minn fuq il-pagna tieghu filwaqt illi talab lill nies sabiex jintervjenu mar-rikorrent biex jiskuza ruhu ta’ dak illi qal.

Jirrizulta, madanakollu, illi ghalkemm huwa nehha tali post mill-pagna tieghu, li fiha ghandu madwar 700 “friend” (fol 18), kif minnu stess dikjarat, huwa ma ghamel ebda tentattiva sabiex jiskuza ruhu ma’ l-istess hbieb illi raw l-attakk illi ghamel fil-konfront tar-rikorrenti ta’ dak illi huwa kiteb fil-konfront tar-rikorrent, u, mistoqsi mill-Qorti ghala ma ghamilx hekk, huwa stqarr illi “*mhux habib* (friend) *tieghi s-sur Mizzi, ghax kieku naghmilha*”

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimat, fid-difiza tieghu, ressaq tlett difizi illi jistghu jigu riassunti f’zewgt kwistjonjiet: il-fatt illi l-‘Facebook page’ ma taqax taht id-definizzjoni ta’ l-artikolu 3 tal-Kap 248, u il-fatt illi l-kumment kien jammont ghal fair comment, li ma kienx intiz biex joffendi u kienet ripetizzjoni ta’ kummenti illi jintqalu ripetutament.

**Ikkunsidrat**

Dwar l-ewwel eccezzjoni, ossija illi l-“facebook post” ma taqax taht id-definizzjoni tal-Artikolu 3 tal-Kap 248, il-Qorti tosserva illi l-Arikolu 2 tal-Kap 248 jidefinixxi “pubblikazzjoni” bhala:

> *Kull att li bih kull stampat jiġi jew jista’ jiġi ikkommunikat jew imgħarraf lil xi persuna jew li bih kliem jew immaġini viżwali jiġu mxandra;*

Sussegwentement, l-istess Artikolu jidefenixxi "stampat" bhala:

> *kull kitba stampata b’tipi tipografiċi jew bil-litografija jew b’mezzi jew proċessi oħra bħal dawn fuq karta jew sustanza oħra, kif ukoll kull kartellun jew avviż ieħor li jitwaħħal li jkun fih xi sinjal jew kitba miktuba, stampata, impinġija, riżaltata jew xort’oħra impressa, u tinkludi kull diska, tape, film jew mezz ieħor li bih kliem jew immaġini viżwali jistgħu jinstemgħu, jitwasslu jew jiġu riprodotti;*

L-artikolu 3 tal-Kap 248 invokat mill-intimat jghid is-segwenti:

> *Ir-reati msemmija f’din it-Taqsima ta’ dan l-Att isiru permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f’Malta ta’ stampat, ikun x’ikun il-post li minnu joriġina dak l-istampat, jew bil-mezz ta’ xi xandir.*

Jirrizulta minghajr ebda dubju illi l-‘facebook page’ ta’ l-intimat jaqa taht id-definijizzjoni ta’ “*mezz iehor li bih kliem jew immagini vizwali jistghu jinstemghu, jitwasslu jew jigu riprodotti*” u ghalhekk dak miktub mill-intimat fil-‘Facebook page’ tieghu, li huwa kkonferma li inkitbu minnu, ghandhom jitqiesu bhala “pubblikazzjoni” ghal fini tal-Kap 248 u ghalhekk soggett ghall-azzjoni naxxenti

mill-Kap 248 ta' kull persuna illi jhoss ruhu ingurjat minn kliem illi jinghaddu fil-konfront tieghu fuq il-Facebook.
Ikkunsidrat

Dwar it-tieni eccezzjoni, ossija dik tal-fair comment, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deciza fil 21 ta' Frar 2017 fl-ismijiet "**Adrian Mizzi vs Ryan Paul Galea**" fejn ghamlet is-segwenti rendikont ta' taghlim dwar d-difiza tal-"fair comment":

> *Fis-sentenza Delfi AS v Estonia, il-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, qalet (§ 133):*
>
> > *"(.....) the Internet plays an important role in enhancing the public's access to news and facilitating the dissemination of information in generali (see Ahmet Yildrum, cited above, §48, and Times Newspapers Ltd, cited above, §27). At the same time, the risk of harm posed by content and communications on the Internet to the exercise and enjoyment of human rights and freedoms, particularly the right to respect for private life, is certainly higher than that posed by the press (see Editorial Board of Pravoye Delo and Shtekel, cited above, §63)".*
>
> *Fil-meritu d-difiża tal-konvenut kienet li, "Il-kummenti tal-esponenti jammontaw ghall-fair comment bażati fuq fatti sostanzjalment korretti". Hemm distinzjoni bejn fatti u fair comment, li m'hijiex dejjem faċli li tistabbilixxi. F'opinjoni li nkitbet mill-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fil-każ Marra vs De Gregorio et, 26 ta' Ġunju 2008, kiteb:*
>
> > *"Second, a distinction must be drawn between factual allegations against particular individuals and opinions or value judgments. As the European Court of Human Rights has held 'while the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgments is not susceptible of proof. The requirement to prove the truth of a value judgment is impossible to fulfil and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the right secured by Article 10'. When a Member of Parliament makes a value judgment about a matter of general importance, no matter how upsetting or offensive some people may find it, he should, in principle, be able to avail himself of absolute privilege".*
>
> *Il-Qorti Ewropea ta' Strasburg fil-każ Sofranschi vs Moldova (34690/05) tal-21 ta' Diċembru 2010, qalet:*
>
> > *"32. A further aspect of the complaint which is relevant for the Court's determination in the present case is the distinction between statements of fact and value judgments. The applicant's letter contained both factual allegations of irregular conduct on the part of V.P. and value judgments about his unethical behaviour. It has been the Court's consistent view that, while the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgments is not susceptible of proof. The requirement to prove the truth of a value judgment is impossible to fulfil and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the rights secured by Article 10 (see Savitchi v. Moldova, no. 11039/02, § 49, 11 October 2005)".*
>
> *Dwar fatt u kumment, Lord Phillips fis-sentenza Joseph vs Spiller (2010) (Qorti Suprema tal-Ingliterra) qal:*
>
> > *"17. Second, the comment must be recognisable as comment, as distinct from an*

> *imputation of fact. If the imputation is one of fact, a ground of defence must be sought elsewhere, for example, justification or privilege. Much learning has grown up around the distinction between fact and comment. For present purposes it is sufficient to note that a statement may be one or the other, depending on the context. Ferguson J gave a simple example in the New South Wales case of Myerson v. Smith's Weekly Publishing Co Ltd (1923) 24 SR (NSW) 20, 26: 'To say that a man's conduct was dishonourable is not comment, it is a statement of fact. To say that he did certain specific things and that his conduct was dishonourable is a statement of fact coupled with a comment".*

Mill-ezami tal-kummenti illi ghamel l-intimat fil-konfront tar-rikorrent, bhalma huma l-kliem "*korrott*", "*kurnut*", "*ma jahmilx il Birgu da' kurnut mill-Kalkara*" u "*Ministru vendikattiv bintern li jobod Birgu*", ma jista jkun hemm ebda dubju illi dak li kiteb ma jista qatt jitqies bhala "*fair comment*", izda huma kliem intizi bhala dikjarazzjoni ta' "*stat ta' fatt*" da parte ta' l-intimat, liema kliem, ghalhekk kellhom jigu sustanzjati mill-intimat – fatt illi huwa ma kien f'ebda posizzjoni illi jaghmel.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva illi, fil-kaz odjern, jidher car illi l-messagg illi ghazel li jippubblika l-intimat, mhux darba izda **tlett** darbiet f'temp qasir ta' zmien, kien indirizzat lejn il-persuni kollha illi ghandhom access ghall-pagna tieghu billi huma "*friends*" tieghu, u, fi kliem l-intimat stess, dawna kienu jammontaw ghal madwar **700** persuna.

Il-Qorti tosserva wkoll illi, ghalkemm l-intimat ghazel eventwalment illi jnehhi dina l-post minn fuq is-sit tieghu, minkejja li ma kienx f'pusizzjoni jindika attwalment meta nehha tali post, huwa qatt ma ghamel apologija lir-rikorrent tramiet l-istess sit tal-'Facebook', u ghalhekk qatt ma wera s-soghba tieghu lill "friends" kollha tieghu ta' dak illi qal fil-konfront tar-rikorrent.

Finalment, il-Qorti tosserva illi l-agir tal-intimat ma jistax ma jitqiesx bhala abbuz lampanti ta' mezz socjali bhalma huwa l-Facebook, illi huwa intiz sabiex javvicina lin-nies aktar ma' xulxin u jaghmilha facili illi wiehed jikkomunika ma' ftit jew ma hafna b'mod immedjat u effettiv.

Tali abbuz ma jistax ma jittehidx bl-aktar mod serju minn dina l-Qorti, peress illi jidher car illi l-utenti ta' tali servizz, bhalma huwa l-intimat, ma humiex konxja la' l-effetti li informazzjoni u/jew kliem illi huwa jaghzlu li jxandru fuq tali mezz socjali, bhalma huwa l-Facebook, ikollhom fid-dinja ta' llum, u wisq anqas tal-hsara kbira illi huma jaghmlu kull meta jaghzlu biex, **frivolozament u kapriccozament**, jghaddu kumment fuq terza persuna, liema terza persuna tispicca fil-mira tal-persuni kollha illi rcevew l-messagg originali, bi hsara kbira illi, hafna drabi, tkun irrimedjabbli u li tista twassal sabiex hajjet persuna tinbidel kompletament, jekk mhux, tigi irvinata totalment, u dana minhabba kumment ta' persuna.

Fil-kaz odjern, jidher car illi l-intimat ghazel illi jghajjar personalment lir-rikorrent, u jghajjru b'mod sfaccat u insolenti, ghax hass illi kellu kull dritt illi jaghmel dan peress illi t-triq tieghu ma kienetx lesta w huwa kien ivvota lir-rikorrent u issa, la darba ma ghamillux it-triq quddiemu, huwa kellu kull dritt illi jghajjru u jinsolentah bl-aktar mod viljakk u malinn!

Kif qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta' Jannar, 2016.

> *Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

F'dana il-kaz, l-intimat ghazel, minghajr ma jahseb dwar il-konsegwenzi ta' l-agir tieghu, illi jattakka l-integrita' personali tar-rikorrent ma' sebgha mitt persuna, liema attakk ma kellu ebda bazi ta' fatt u kien dettatt biss mir-reghba ta' l-intimat sabiex jaghmel hsara lir-rikorrent.

Huwa proprju ghalhekk illi l-Qorti tqis illi ir-reputazzjoni tar-rikorrent giet serjament attakkata ingustament mill-intimat u l-intimat ma ghamel xejn fil-pubbliku sabiex jiskuza ruhu ta' dak illi qal, u stahba wara t-tentattivi da' parte ta' terzi sabiex jintervjenu.

Il-Qorti tosserva illi l-inqas haga illi seta jaghmel l-intimat, wara li nduna bl-izball illi ghamel, kien illi jikteb lis-700 persuna illi kienu qraw l-attakk tieghu fil-konfront tar-rikorrent, u jgharrafhom illi kien zbaljat dwar ir-rikorrent u li kien qieghed jrtira l-kliem u l-allegazzjonijiet kollha illi qal fil-konfront tar-rikorrent u kien qieghed jiskuza ruhu ma' l-istess rikorrent pubblikament ta' dak illi qal – dana l-intimat baqa qatt ma ghamlu u kull ma ghamel kien illi nehha l-post, bl-isperanza illi l-hsara illi huwa ghamel ma jidhirx illi sar.

Hija inaccettabbli li persuni jabbuzaw minn mezzi socjali sabiex, minn wara il-computer taghhom, jibdew jghajjru u jattakkaw lill kull min jidhrilhom li ghandu jigi attakkat, bil-pretest illi kullhadd jista jghid li jrid u bil-hsieb illi, la darba huwa mohbi wara computer, hadd ma jista jattakkah ujista jghid x'jrid – dana huwa abbuz car u manifest u dina l-Qorti tikkundannaha bl-aktar mod ahrax!

Kull min jaghmel tali azzjoonijet kundannabbli, bhalma huwa l-intimat, ghandu jkun responsabbli ta' dak illi jaghmel, u jekk jikkawza hsara lir-reputazzjoni ta' persuna, huwa ghandu jinstab responsabbli ta' dan ukoll.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi prodotti u

Wara li semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tiddikjara** l-post ippubblikat fuq il-pagna personali ta' l-intimat fuq is-sit elettroniku Facebook fid-9 ta' Dicembru 2015 u indikat aktar il-fuq fis-sentenza bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat, bhala awtur ta’ dawk il-kummenti, ihallas lir-rikorrent is-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kollu a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur